GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 1 ta' Frar 2023 **Ref:** DLAP 027/2023

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet taċ-Ċentri tal-Kindergarten, l-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, Knisja u Indipendenti, Uffiċjali Edukattivi u Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **L-Iskema 'Aqra d-Dar' 2023**

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tixtieq tfakkar lill-ġenituri, il-kustodji u l-edukaturi dwar l-iskema 'Aqra d-Dar'. L-istudenti kollha tal-kindergarten, il-primarja, il-medja u s-sekondarja jistgħu jissellfu għażla ta' kotba u dawn jitteħdulhom id-dar. B'din l-inizjattiva qed inkomplu nħeġġu aktar studenti jaqraw fil-kumdità ta' darhom.

Kull student/a jista' jagħżel sa sitt kotba, tlieta bil-Malti u tlieta bl-Ingliż, minn katalgu magħmul apposta skont l-età tal-istudenti. Dan il-katalgu tista' ssibu billi tagħfas il-ħolqa: Aqra d-Dar / Read at Home (gov.mt)

Il-ġenituri jew kustodji li jixtiequ li wliedhom jissieħbu f'din l-iskema jistgħu japplikaw online billi jagħfsu l-ħolqa https://forms.office.com/r/5d2QghS6Ec jew billi jibagħtu ittra elettronika lil rebecca.spiteri.5@ilearn.edu.mt, jew billi jċemplu 25983304.

Il-kotba jitqassmu bil-posta jew bl-idejn mingħajr ħlas. Il-kotba jistgħu jinżammu d-dar sa mhux aktar minn ħames ġimgħat. Wara dan il-perjodu ta' żmien il-kotba jridu jiġu rritornati lill-Aġenzija fl-envelopp ipprovdut. Il-kotba jistgħu jiġu rritornati billi jitpoġġew f'kontenitur apposta 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa' jew jistgħu jinġabru minn membru tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu meta titqassam l-ordni l-ġdida. F'Malta dan il-kontenitur jinsab barra l-bieb prinċipali tal-bini tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, HMR 1304.




F'Għawdex il-kontenitur 'Il-Kaxxa tal-Kotba Mislufa' jinsab fuq in-naħa ta' barra taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Litteriżmu tal-Kulleġġ t'Għawdex, fl-Iskola Primarja Ta' Sannat, SNT 9020.




Min ikun irid aktar informazzjoni, jista' jidħol fil-paġna elettronika tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu li tinsab fis-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, Iż-Żgħażagħ, Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni [National Literacy Agency - Malta (gov.mt)] jew jibgħat ittra elettronika lis-Sa Rebecca Spiteri, Senior Manager f' rebecca.spiteri.5@ilearn.edu.mt jew billi jċempel 2598 3304.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**